**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Lulju 2025**

Rikors Numru: 258/2025 AL

AB

Vs

CD

Lincoln Caruana

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

Illi l-partijiet iżżewgu fil-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) gewwa s-Siggiewi u dan kif inhu evidenzjat miċ-ċertifikat taż-żwieg tagħhom bin-numru ta' registrazzjoni 2350/2021, hawn anness u mmarkat bhala **Dok. SP1;**

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is- separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Fiona Zammit Armeni fil-erbgha (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) hawn anness u mmarkat bhala **Dok. SP2,**

Illi minn dan iż-żwieg twieldet tifla fis-sitta ta' Awwissu tas-sena alfejn u tnejn u ghoxrin, ossia il-minorenni Martha Bonello;

Illi l-partijiet ilhom *de facto* isseparati mill-bidu ta' Dicembru 2023;

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemx l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment;

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom ħajja totalment separati minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Għaldaqstant ir-rikorrent, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Ġunju, 2025;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li m'ghandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 t'April 2025 u *de facto* separati minn Novembru 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.